Anness A

L-impjieg	*Technical Attaché (Liġi Internazzjonali)*

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

PALAZZO PARISIO, TRIQ IL-MERKANTI, VALLETTA, MALTA

Dmirijiet u responsabbiltajiet

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

It-Technical Attaché jservi bħala l-konsulent tekniku prinċipali tal-Missjoni Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda dwar materji li jikkonċernaw il-Liġi Internazzjonali.

Filwaqt li jirrapporta direttament lir-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda, it-Technical Attaché huwa responsabbli sabiex iżomm lir-Rappreżentant Permanenti infurmat bl-iżviluppi kollha fil-qasam tal-kompetenza tiegħu u sabiex jipprovdi pariri kemm lir-Rappreżentant Permanenti kif ukoll lill-entitajiet governattivi rilevanti oħra. It-Technical Attaché jissorvelja u jikkoordina l-kwistjonijiet u l-kompiti kollha relatati mal-oqsma prinċipali ta' responsabbiltà, kif ukoll kwalunkwe inkarigu addizzjonali assenjat mill-Missjoni Permanenti.

Il-kandidati għandu jkollhom sfond professjonali sod u juru kompetenza fil-qasam tagħhom, li tippermettilhom jifhmu kwistjonijiet kumplessi u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-interessi ta' Malta. Barra minn hekk, il-kandidati għandhom ikunu kapaċi jesprimu u jmexxu 'l quddiem il-pożizzjoni ta' Malta sabiex jiżguraw li din tingħata l-kunsiderazzjoni mistħoqqa matul id-deliberazzjonijiet u l-proċessi ta' adozzjoni ta' dokumenti.

Din id-Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni hija indikattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet.

i. Jirrappreżenta lil Malta f'laqgħat tal-Kumitati u l-Kummissjonijiet tan-Nazzjonijiet Magħquda, kif ukoll f'fora rilevanti oħra, skont kif meħtieġ, billi jesprimi l-pożizzjoni ta' Malta u jipparteċipa b'mod attiv fid-diskussjonijiet skont l-istruzzjonijiet mogħtija, li għat-tħejjija tagħhom it-Technical Attaché huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi;

ii. Iħejji u jqassam fil-pront rapporti dwar dawn il-laqgħat, skont il-Lista ta' Distribuzzjoni approvata, wara li jintemmu. Barra minn hekk, jinforma lill-Ministeri u d-Dipartimenti rilevanti, kif ukoll lir-Rappreżentant Permanenti, f'każ li jkun hemm kwistjonijiet urġenti;

iii. Iħejji *Briefing Notes*, *Background Notes*, *Instruction Notes* u *Speaking Notes* relatati mar-responsabbiltajiet ta' din il-pożizzjoni, skont kif meħtieġ;

iv. Jissorvelja u jirrapporta dwar attivitajiet u żviluppi fil-qasam ta' responsabbiltà tiegħu, filwaqt li jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra sabiex jikkomunika b'mod effettiv il-pożizzjoni ta' Malta, kif meħtieġ;

v. Jipprovdi analiżi u pariri dwar kwistjonijiet kumplessi ta' liġi internazzjonali hekk kif dawn jinqalgħu, filwaqt li jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet jiġu kkomunikati b'mod ċar, ikunu debitament sostanzjati u konformi mal-interessi nazzjonali ta' Malta; jevalwa kwistjonijiet emerġenti, jantiċipa sfidi potenzjali u jipprovdi gwida strateġika sabiex jappoġġja l-ħidma u l-

involviment tal-Missjoni Permanenti man-Nazzjonijiet Magħquda u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra;

vi. Jattendi, jassisti jew josserva laqgħat relatati mal-oqsma ta' responsabbiltà, flimkien mal-uffiċjali rilevanti minn Malta;

vii. Jikkoordina s-segwitu dwar materji li jirriżultaw mil-laqgħat jew mir-rapporti msemmija hawn fuq, u jissottometti proposti kif meħtieġ, b'kollaborazzjoni ma' unitajiet oħra fi ħdan il-Missjoni Permanenti u mal-awtoritajiet governattivi kompetenti f'Malta;

viii. Jorganizza u jmexxi laqgħat regolari ma' kontropartijiet min-Nazzjonijiet Magħquda u ma' istituzzjonijiet jew rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, sabiex jiżgura li l-pożizzjoni ta' Malta tiġi kkomunikata b'mod ċar, rikonoxxuta u kkunsidrata;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti;

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Annex A

Job title	*Technical Attaché (International Law)*

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS
PALAZZO PARISIO, MERCHANT STREET, VALLETTA, MALTA

Duties and responsibilities

The Technical Attaché serves as the principal technical advisor to the Permanent Mission of Malta to the United Nations on matters concerning International Law.

Reporting directly to the Permanent Representative of Malta to the United Nations, the Technical Attaché is responsible for keeping the Permanent Representative informed of all developments within the area of expertise and for providing advice to both the Permanent Representative and other relevant governmental entities. The Technical Attaché monitors and coordinates all issues and tasks pertaining to the main areas of responsibility, as well as any additional assignments designated by the Permanent Mission.

Candidates must possess a strong background and demonstrate expertise in their field, enabling them to understand complex issues and their implications for Malta's interests. Additionally, candidates should be adept at articulating and advancing Malta's position to ensure it receives due consideration during deliberations and document adoption processes.

This Position Description is indicative of the tasks and responsibilities.

i. Represent Malta at meetings of United Nations Committees, Commissions, and other relevant fora as required, articulating Malta's position and actively participating in discussions in line with provided instructions, to which the Technical Attaché is also expected to contribute;

ii. Prepare and promptly distribute reports of these meetings in accordance with the approved Distribution List upon conclusion. Additionally, notify the relevant Ministries and Departments, and the Permanent Representative in the event of urgent matters;

iii. Prepare Briefing Notes, Background Notes, Instruction Notes, and Speaking Notes relevant to the responsibilities of this position as required;

iv. Monitor and report on activities and developments within the area of responsibility, while actively engaging with representatives of other Member States to effectively communicate Malta's position as necessary;

v. Provide analysis and advice on complex international law issues as they arise, ensuring that recommendations are clearly communicated, substantiated, and aligned with Malta's national interests; assess emerging matters, anticipate potential challenges, and provide strategic guidance to support the Permanent Mission's engagement with the United Nations and other international organizations;

vi. Attend, support, or shadow meetings pertinent to the areas of responsibility, alongside relevant officers from Malta;

vii. Coordinate follow-up on matters arising from the afore-mentioned meetings or reports, and submit proposals as required, in collaboration with other units within the Permanent Mission and the appropriate Government authorities in Malta;

viii. Organise and conduct regular meetings with counterparts from the UN and institutions or representatives from other Member States to ensure that Malta's position is clearly communicated, acknowledged, and considered;

ix. Any other task assigned by the Permanent Representative.

x. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.